

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de Primera Instancia e Instrucción no 6 de Ceuta (Spanja) fl-24 ta' Ġunju 2019 — JF u KG vs Bankia S.A.

(Kawża C-482/19)

(2019/C 328/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Juzgado de Primera Instancia e Instrucción n° 6 de Ceuta

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti M JF u KG

Konvenuta: Bankia S.A.

Domandi preliminari

- 1) Sabiex jiġi ggarantiti l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-osservanza tal-ġurisprudenza tal-Unjoni li timplimentaha, huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ⁽¹⁾ u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) ta' din tal-aħħar l-iffissar bħala kriterju inekwivoku mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja), fis-sentenzi tagħha Nri 44 sa 49 tat-23 ta' Jannar 2019 tad-determinazzjoni tan-natura inġusta, fil-kuntratti ta' self b'garanzija ipotekarja konklużi ma' konsumaturi, ta' klawżola mhux innegozzjata li ttiprovdi li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-ħolqien tat-tranżazzjoni ta' self ipotekarju għandhom jitħallsu minn min jissellef u li taqsam ir-responsabbiltà għad-diversi spejjeż li jinsabu f'din il-klawżola inġusta li n-nullità tagħha ġiet ikkonstatata bejn l-istabbiliment bankarju li żied din il-klawżola u l-konsumatur li jissellef, sabiex jiġi llimitat il-ħlas lura tal-ammonti mħallsa indebitament b'applikazzjoni tal-liġi nazjonali?

Sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-utenti u l-osservanza tal-ġurisprudenza tal-Unjoni li timplimentaha, hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, mad-Direttiva 93/13 u, b'mod iktar partikolari, mal-Artikolu 6(1) u mal-Artikolu 7(1) ta' din tal-aħħar li t-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema) tagħmel interpretazzjoni awżiljarja ta' klawżola nulla minħabba n-natura inġusta tagħha, meta t-tħassir ta' din il-klawżola u l-effetti ta' dan it-tħassir ma jipprekludux li l-kuntratt ta' self b'garanzija ipotekarja jibqa' jeżisti?

- 2) Bl-istess mod, għandu jiġi kkunsidrat, fid-dawl tal-Artikolu 394 tal-Kodiċi ta' Proċedura Spanjol, li jistabbilixxi l-kriterju tal-kundanna oġġettiva għall-ispejjeż, li, fl-ipoteżi fejn klawżola inġusta fil-qasam tal-ispejjeż tiġi annullata iżda l-effetti ta' dan l-annullament huma llimitati għall-qsim tal-ispejjeż imsemmija iktar 'il fuq, jinkisru l-prinċipji tan-natura mhux vinkolanti [tal-klawżoli inġusti fil-konfront tal-konsumatur] u ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni Ewropea jekk jintlaqgħu parzjalment it-talbiet tal-partijiet, u dan jista' jiġi interpretat bħala li għandu effett dissważiv oppost li jwassal għall-assenza ta' protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-konsumaturi u tal-utenti?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288